MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 98/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Charles Xerri**

Kaz Numru: 98/2012

Illum 24 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Charles Xerri**, ta’ disgha u erbghin (49) sena, iben Joseph u Grace neé Borg, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-31 ta’ Dicembru 1962, residenti ‘Paradise’, Triq Anici, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 3963(G), akkuzat talli:

1. nhar l-24 ta' Settembru 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin fi zminijiet differenti pero' b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MMC 706 liema hsara ma teccediex elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) izda huwa aktar minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad-detriment ta' Marvin Cauchi (I.D. Nru. 2782G);

2. u aktar talli fl-24 ta' Settembru 2012 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14.00hrs) bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil Marvin Cauchi (I.D. Nru. 2782(G)) quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li l-istess Marvin Cauchi kien innocenti;

3. u aktar talli fl-24 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' bejn is-siegha u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (13.00hrs – 14.00hrs) gewwa r-Rabat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, hebb ghal Marvin Cauchi (I.D. Nru. 2782(G)) sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra l-piena li l-istess Qorti jidrilha xierqa, tordna wkoll lill-imputat jaghmel tajjeb ghall-hsarat li ghamel.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tirtira t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, fis-seduta tallum, li l-imputat hallas lill-parti leza ghall-hsarat li jsiru riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u li, in segwitu ta' dan, il-parti leza rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli f'dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat u ghazel li ma jixhidx.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-atti processwali, jirrizulta s-segwenti:

- l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata;
- it-tieni (2) imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;
- it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat taht l-ewwel (1) imputazzjoni, il-fedina penali tieghu (Dok. "B") u kif ukoll il-fatt li l-imputat hallas ghall-hsarat li jsiru riferenza ghalihom fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u, kif ukoll, il-fatt li l-parti leza rrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:
filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, u dana *stante* li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum,

fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghha *stante* rinunzja,

fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat minnha

u

fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Charles Xerri hati tal-imsemmija imputazzjoni izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat Charles Xerri bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.
Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Marvin Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------